# Pampaluni tal-Bizzilla f'Ta' Sannat Seklu Għoxrin

*minn Consiglia Azzopardi*

Meta mmorru l-knisja speċjalment fi żmien ta' festa, ftit nagħtu kas ta' l-oġġetti sagri li naraw madwarna. Dan għaliex ma nkunux nafu l-istorja tagħhom u b'kemm ħila jkunu ġew akkwistati.

**Tlett Triefi Bojod tal-Kwaranturi**

Minn fost teżori ta' bizzilli fil-parroċċa ta' Sannat, din id-darba nsemmi biss it-tlett triefi li jintramaw fi żmien il-Kuranturi, waħda fuq l-artal tat-titular jiġifieri ta' Santa Margerita, oħra fl-artal tal-Kurċifiss u l-oħra fl-artal tar-Rużarju.

Bħala disinn tal-bizzilla dawn it-triefi huma l-istess it-tlieta li huma, jiġifieri maħduma b'festuni jimxu ta' għeneb, żbul u triangulu tat-Trinitaċ; il-festun tal-kantunieri fih warda. Jingħażlu ta' liema artal huma għax fin-nofs ta' l-artal tal-Kurċifiss hemm Salib, f'tar-Rużarju hemm l-isem tal-Madonna, u f'ta' Santa Margerita hemm il-Palma. Kull terħa fiha ħames metri u nofs (5.5m) tul ta' bizzilla maħduma b'ħajt fin tal-għażel abjad fejn jispikkaw fihom il-Punti tradizzjonali tal-Balla.

Dawn huma testimonjanza tal-ħila fis-sengħa tal-bizzilla b'għeruq fil-fond ġejjin minn żmien il-bidu tagħha. Fl-arkivji tal-Knisja ma hemm l-ebda referenza diretta għal min ħadimhom, għaliex probabli nħadmu bla ħlas u ngħataw b'devozzjoni lill-knisja. Pero' s-suġġett tat-triefi jindika li aktarx inħadmu lejn is-snin 1930 – 1940, fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar li mexxa l-parroċċa mill-1926 sa l-1950. Insibu biss ħjiel ta' xi spejjes li saru f'dan iż-żmien biex jinxtara l-ħajt għax-xogħol tal-bizzilla:

| | | |
|---|---|---|
| *30 ta' Jannar 1940:* | *Pagati per filo per lavorare i merletti* | *£0.12s 0d* |
| *7 ta Frar 1941:* | *.... e 5 canne di merletto* | *£1. 2s 0d* |
| *21 Frar 1941:* | *Pagati per merletto per tovaglie* | *£0. 4s 0d* |

**L-Arċipriet Cassar f'Konnessjoni mal-Bizzilla**

Mons Joseph Bezzina fil-ktieb 'SANNAT Fi Ġrajjet Għawdex' saħaq li fi żmien l-Arċipriet Cassar kibret id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, il-Madonna u San Ġużepp, u naturalment lejn Santa Margerita. Hu ġedded iż-żewġ għaqdiet Ewkaristiċi li kienu mwaqqfin fil-parroċċa fl-1914: il-Paġġi ta' Ġesu Sagramentat u l-Għaqda ta' l-*Ora Santa*. Kien aktarx f'għeluq is-sena 1930 li ċċelebra għall-ewwel darba l-Kwaranturi Mqaddsa. Beda jiċċelebra b'solennita ikbar il-festa tal-Korpus fejn kienet tinġieb il-mużika u saħansitra jinħaraq in-nar waqt il-purċissjoni. Kattar id-devozjoni lejn il-Madonna bil-festa tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesu b'purċissjoni madwar ir-raħal f'Mejju, il-festa tad-Duluri f'Settembru, tal-Madonna tar-Rużarju f'Ottubru, u l-festa tal-Maternità.



Bit-tħabrik ta' l-Arċipriet biex tiżdied id-devozjoni lejn Santa Margerita u anki jiżdiedu l-voluntieri biex jorganizzawlha l-festa, nhar l-20 ta' April 1931 waqqaf kanonikament il-Fratellanza ta' Santa Margerita. Bħala direttur kellu jkun il-kappillan stess, u setgħu jinkitbu rġiel u nisa; l-irġiel kienu obligati jieħdu sehem fil-purċissjonijiet. Il-membri kellhom iħallsu 6d fis-sena biex b'hekk isirilhom suffraġju wara mewthom.

Minn din l-informazzjoni nistgħu nikkonkludu għaliex it-triehi nħadmu biss għat-tlett artali fuq imsemmija u mhux għall-bqija ta' l-artali l-oħra. U jekk naraw min kien dan l-Arċipriet nindunaw kemm kien faċli għalih li jorganizza l-bizzilla tat-triehi.

L-Arċipriet Cassar kien mir-Rabat; kienu jsibuh bħala 'tal-kafe' billi missieru kien ibigħ kafe tajjeb f'ħanut ħdejn San Ġorġ. Miegħu f'Sannat kienet ġiet toqgħod oħtu Reġina miżżewwġa lil Toni Xuereb negozjant tal-bizzilla mir-Rabat. Fost uliedhom kien hemm Kikku li mbagħad iżżewweġ lil Sunta tal-Patrun minn Sannat u kien bil-ħanut fi Triq Dun Xand Aquilina, Dun Karm Xuereb li kien jgħin lill-Arċipriet fix-xogħol tiegħu hawn fil-parroċċa, u Georgina ħajjata prima - għadha ħajja u llum ta' 88 sena għadha tiftaħar biż-żmien ħelu ta' meta kienu ta' Sannat, bil-ħbieb xebbiet ta' mparha kemm kienu jaħdmu bizzilla sabieħa!

**Storja ta' Ħaddiema tal-Bizzilla f'Ta' Sannat**

Sa miċ-ċensimenti bikrin tas-snin 1861 u 1871, in-numru ta' ħaddiema tal-bizzilla f'Ta' Sannat dejjem kien għoli meta mqabbel ma' dawk tar-Rabat u n-Nadur. Mhux dan biss imma anke l-età tagħhom kienet ta' min jirrifletti fuqha. Hekk fl-1861 kien hawn 23 fl- età ta' bejn 5 u 10 snin, 42 fl-età ta' bejn 10 u 15-il sena, u 71 fl-età ta' bejn 15 u 25 sena. Fl-1871 kien hawn 15 fl-età ta' bejn 5 u 10 snin, 64 fl-età ta' bejn 10 u 15-il sena, u 96 fl-età ta' bejn 15 u 25 sena. Dan barra oħrajn ikbar li b'kollox kienu jagħmlu total ta' 190 fl-1861 u ta' 283 fl-1871. Dan jirrifletti l-bżulija tan-nies u l-ġabra fil-familja li bil-għaqal kollu kienu jitgħallmu s-sengħa minn xulxin, u sat-tfal kienu jdarruhom jaħdmu minn ċkunithom.

Naturalment l-ewwel ma kienet tgawdi meta kien hemm il-ġid kienet tkun il-knisja. Hekk insibu li fi żmien l-Arċipriet Ġwann Andrija Vella, mexxej tal-parroċċa 1863 – 1916, ta' kull sena kien jirrekordja l-profitti li jkun għamel mill-bizzilla u t-tiġieġ *dal profitti di merletti e galline*. Per eżempju fl-1904 daħħal £45. 3s. 11 9/12d, u fl-1897 mis-somma li daħħal ta' £15.4s. 10 1/2d ħallas ir-rakkmu tal-velu tal-leġiju u l-bellus tat-tron ta' l-Isqof.

Il-bizzilla għall-knisja kienet tinħadem fid-djar, jew matul il-ġimgħa jew kien hemm permess li jista' jsir sagħtejn xogħol nhar ta' Ħadd. Il-flus maqlugħa kienu jintrefgħu għal meta ssir il-ġabra darba fis-sena. Din tas-sagħtejn nhar ta' Ħadd damet fostna sal-1970ijiet, filwaqt li l-flieles jitqassmu fid-djar biex irabbugħhom fil-btieħi mat-tiġieġ li kien ikollhom damet sal-1950ijiet. Hekk il-flus kienu jitilgħu bla ma jidhru koroh għax biex joħorġu l-flus mill-but meta bil-kemm kellhom għaxja ta' lejla ... għalkemm kienu jaħdmu mill-qalb basta għall-knisja. Ħafna opri fil-parroċċa fil-fatt kienu jsiru bix-xogħol voluntarju tal-parroċċani iktar milli bl-offerta ta' flus.

**Ir-Reġina Żżur lix-Xelina**

Ir-raħal ta' hawn mexa 'l quddiem fil-qasam tal-bizzilla matul is-seklu għoxrin permezz ta' Ġużeppa tax-Xelina, negozjanta ewlenija li isimha baqa' assoċjat mal-bizzilla sal-lum. Mhux għax hi kienet taf taħdem imma kienet kapaċi tħaddem u tagħmel kuntatti ma' nies li kienu jixtru l-bizzilla maħduma min-nies kemm tar-raħal u anke minn irħula oħra. Kulħadd kliem ta' tifħir kellu għaliha għax kienet providenza għalihom; permezz tagħha niesna raw il-flus mix-xogħol tal-bizzilla. Dan minbarra li kienet taqdi ħafna nies meta kienet takkwistalhom deheb u oġġetti oħra minn Malta. Għalkemm kienet ukoll tabbuża minnhom, għax meta dawn ix-xebbiet kienu jmorru għandha bix-xogħol kienet tgħamlilhom xi naqra kafe u tqabbadhom jew jaħslulha xi ħasla ħwejjeġ jew inaddfulha l-loki, jew jaħslulha l-art – insomma wieħed jiddobba ma' l-ieħor! U hekk kienet tkun dejjem moqdiha biex hi tkun tista' tkompli man-nies u tiġri lejn Malta!

Pero' l-ikbar avveniment ġo Sannat li għolla l-ġiegħ tal-ħaddiema tal-bizzilla kien meta fit-2 t'April 1952 il-Prinċipessa Elizabetta, illum ir-Reġina Eliabetta II ta' l-Ingilterra, żaret lil tax-Xelina kif għadha tixhed l-irħama li twaħħlet mad-dar tagħha fil-Pjazza tax-Xelina li tlaqqmet għaliha. Xhieda ta' dan għad għandna wkoll ritratti tar-Reġina tammira xi ħaddiema jaħdmu l-bizzilla. Dawn kienu l-pampaluni tal-bizzilla, nisa minn Ta' Sannat, li min jaf kemm ħadmu bizzilla famuża li xterdet mal-pajjiżi kollha, u li llum insejħu bħala il-vera Maltese Lace. Isimhom qatt ma tnižžel, imma bil-paċenzja u b'ħafna riċerka rnexxielna nidentifikaw min kienu, u għalhekk qed nġibu profil ta' kull waħda. Jingħad li aktarx kienu dawn l-istess nisa bravi li kienu ħadmu waħda kull wieħed it-tlett triehi tal-Kuranturi.

**Ġanna ta' Ċummieles**

Ġovanna Muscat, jew kif kienu jsibuha Ġanna ta' Ċummieles, twieldet fi Frar 1896 fi Triq Palma r-Rabat bil-kunjom Briffa. Iżżewġet lil Feliċ Muscat - kuġin tan-neguzjanta tal-bizzilla Ġużeppa tax-Xelina, u ġiet toqgħod Sannat l-ewwel fi Triq il-Kbira u wara bnew f'numru 14 Pjazza St Margerita. Kienet mgħarufa ma' kulħadd għall-kapaċitaċ tagħha fix-xogħol tal-bizzilla, mhux biss għax kienet taf tinterpreta kwalunkwe disinn iżda wkoll għax bl-istirar ta' jdejha l-bizzilla kienet toħroġ minn fuq l-imħadda qisha llamtata daqs kemm kienet tkun wieqfa u sabieħa.



Ġanna Muscat taħdem il-bizzilla

Jien lil Ġanna niftakarha lejn tmiem il-karriera tagħha, meta kienet tkun bil-qiegħda taħdem bejn il-boxxla u l-bieb għall-frisk, u kull meta kont ngħaddi kont nieqaf nitkellem magħha. Mhux darba u tnejn urietni kif taħdem il-Punt tal-Balla jew Punt Ingliż. Kienet tgħid li ħadmet ħafna bizzillel wiesgħin u dojoq, iżda dejjem fuq l-istess imħadda twila, dejqa u pulita li kienet tippreferi hi, anke jekk kien ikun hemm bżonn li ġġenneb, għax skond hi "Min ma jġennibx ma jafx jaħdem".

Naturalment billi kienet kapaċi u kienet imħalta ma' Ġużeppa tax-Xelina, l-iżjed li kienet taħdem kien għaliha. Din Ġużeppa, dak in-nhar li ġiet għandha r-Reġina fit-2 t'April 1952, offritilha tvalja tal-mejda maħduma bil-bizzilla. Pero Ġanna ma kienetx ħadmet f'din it-tvalja, minflok kienet ħadmet skond bintha Dadda ***"ċentru tond ta' xi 14 il-pulzier diametru li fin-nofs kellu l-arma ta' fuq it-tmintax irbiegħi"*** – hekk irreferiet għall-Coat-of-Arms tal-Familja Rjali. Id-disinn tant kien fin, li l-ġeġwiġija ta' labar meħtieġa Ġanna kienet taqlagħhom b'imqass bil-ponta twila. Minkejja li ċ-ċentru ma kienx daqstant kbir, u Ġanna kienet ittella' fix-xogħol kienet damet sitt ġimgħat biex ħadmitu.

Ġanna kienet mgħarufa wkoll għall-bizzilla ta' l-albi tal-qassisin, maħduma dejjem bil-Punti tal-Balla, Punt Ingliż u simboli bil-Punti tat-Tila. Bħalma kienet id-drawwa, għad-disinn kien jaħseb min jordna l-alba u l-ħajt kienet tixtrih minn għand Ġużeppa tax-Xelina. Hu mgħaruf li Ġanna ħadmet kemm-il alba għall-qassisin, fosthom fir-raħal għal Dun Anton Bajada (1926 – 2005) li ordna nhar id-29 ta' Marzu 1952, Dun Manwel Spiteri (1933 - ) li ordna fit-2 t'April 1960, Patri Remigju Galea (1937 - ) li ordna fl-1964, oħrajn mir-Rabat jew irħula oħra u saħansitra minn Malta.

Darba ġabulha disinn għal alba mpitter minn Gerada; ħadmitu għal 48 lira u damet taħdem fih erba' xhur, jiġifieri kalkolu ta' 12-il lira fix-xahar. Għal dak in-nhar kien meqjus qliegħ mhux ħażin meta tikkunsidra li ma toħroġx mid-dar. Mill-banda l-oħra rridu nqisu kemm kienet tgħaddi sigħat twal taħdem u tistinka biex tlaħħaq taħdem alba f'temp qasir ta' erba' xhur biss.

Dan l-aħħar Ġanna kienet taħdem tavolini kbar tondi, dejjem fuq l-istess disinn. Meta waqfet taħdem id-disinni ta' din it-tvalja kienet għaddiethomli, u hekk għad għandi rekordju ta' x'kien jinħadem fil-bizzilla dik l-epoka.

Ġanna mietet fl-1985 fl-età ta' 89 sena fid-Dar ta' l-Anzjani għand is-sorijiet ir-Rabat u d-dispjaċir tagħha kien li ħadd mill-erba' uliedha bniet ma ħareġ għaliha fil-qasam tal-bizzilla.



**Marinton tal-Munit**

Marija Antonia Camilleri twieldet in-Nadur fl-1901. Għalkemm il-ġenituri tagħha kienu t-tnejn minn Sannat, dawn kienu marru joqgħodu hemm minħabba li l-missier kien pulizija n-Nadur. Dan ifisser li n-Nadur omm Marinton sabet ambjent ta' xogħol tal-bizzilla għaliex sa mill-1852 il-vigarju Kurat Dun Salv Vella kien ukoll surmast fl-iskola tan-Nadur fejn ħadem biex il-bizzilla tibda tiġi mgħallma fl-iskola tal-Gvern. Barra milli kien jistinka wara x-xebbiet biex jitgħallmu jaħdmu Dun Salv kien jgħin billi jipprovdi disinni adattati u swieq tajbin għall-ħaddiema tal-bizzilla. Dan il-qassis ħabrieki kien jiġi ħu l-Arċipriet Dun Ġwann-Indri Vella mexxej tal-parroċċa ta' Sannat fl-istess żmien, u fl-aħħar ta' ħajtu meta marad kien inġabar ma' ħuh l-Arċipriet f'Sannat fejn miet fl-1899 u ndifen hawn skond kif tgħid il-lapida ta' quddiem l-artal tal-Kurċifiss.

Meta Marinton kien għadha żgħira l-missier miet u l-omm irritornat bil-ħames wliedha lejn Sannat fi Triq Saguna biswit id-dar tax-Xelina. Hawnhekk, mgħejuna ħafna mill-Arċipriet Vella l-omm rabbiet il-familja bit-tbatija imma għajxithom kollha bil-għaqal tagħha fix-xogħol tal-bizzilla. Marinton u ħutha kibru ditturi f'dan ix-xogħol li għalihom kien ħobżhom, u mhux ta' b'xejn il-bniet ħarġu kollha pampaluni tal-bizzilla.

Marinton iżżewwġet ta' età żgħira lil Ġużeppi Mejlaq li kien isiefer lejn Marsilja. Fl-1934 twieldet tifla, illum Rożina Scicluna, imma lil missierha ma tafux għax qatt ma rritorna lura - intemm mitluf fil-gwerra. Rożina trabbiet b'ħafna għożża minn ommha armla, in-nanna u z-zijiet għaliex ma kienx hemm iżjed tfal fil-familja. Ta' ħames snin kienet diġa' tgħallmet taħdem il-bizzilla u mhux kif ġie ġie imma b'dixxiplina kbira għax kienu jġiegħeluha toftoq jew terġa' tibda' jekk ma taħdimx perfett. Rożina ma jiddispjaċihiex li kienu daqshekk fitti fix-xogħol għaliex tgħallmet taħdem rett; ta' tnax il-sena kienet kapaċi taħdem set ta' tlettax il-biċċa f'Ġimgħa u kienet ddaħħal tiegħu Lira u tnax il-xelin. Għax-xogħol sabiħ li kienu jaħdmu Ġużeppa tax-Xelina dejjem ħaddmithom, tlieta ġo familja waħda, anke meta n-negozju kien batut minħabba l-gwerra. Marinton u oħtha Kristina kienu jaħdmu kull ma jiġi f'idejhom, bizzilli wesgħin, disinni diffiċli, bizzilla tal-qassisin u għall-knisja, u x-Xelina tieħu l-ordnijiet u ġġorr l-bizzilla lejn Malta.

Tax-Xelina kienet ġġib id-deheb li jordnawlha x-xebbiet u jħallsuha bil-flus tal-bizzilla. Rożina tiftakar li Ġerikor kien jiswa 14-il lira, Arloġġ 11-il lira, Brazuletta 8 liri u nofs, Labra 4 liri u nofs. Kull xebba kienet taħseb għad-deheb malli tibda' ddaħħal xi ħaġa tal-flus bix-xogħol ta' jdejha.

Il-familja ta' Marinton kienu wkoll ħajjata mgħarufin speċjalment biex iħitu l-għonielel. Iz-zija Roża kienet toqgħod flok fejn illum hemm iċ-Ċirklu fi Triq Dun Xand. Rożina tiftakar li kellha ħanut (kamra għat-triq fejn toqgħod taħdem) u fih kont issib kartun u baleni u l-magna tal-ħjata. In-nies iġibulha d-drapp, ħarir jew drill iswed, u hi x-xogħol tagħha kien biss li tfassal u tħit l-għonielel. Lil Roża kienu jafuha ħafna nies, anke minn barra r-raħal, u kif kienu jiġu għand ix-Xelina bil-bizzilla kienu jġibu d-drapp u jinqdew ukoll biex iħitu għonnella.

Max-xogħol tal-bizzilla ma kienx jonqos l-għana, u għalkemm Marinton ma kienetx toħroġ taħdem barra fit-triq imma kienet taf ħafna għana li kienet ixxerdu mal-erbat irjieħ minn ġol-bitħa. Min kien jismagħha kien



jirrispondiha imma dejjem hi kienet tispiċċa tagħha għax ħadd ma kien ilaħħaq magħha.

Marinton baqgħet taħdem sa meta xjieħet filwaqt li Rożina mbagħad intefgħet fuq in-negozju tal-bizzilla u l-malja. Mietet fi Frar 1985 ta' 84 sena.

**Marija ta' Marta**
Pampaluna oħra għall-bizzilla kienet Marija imwielda Vella fl-1901, bint Marta u Wiġi Vella, u miżżewġa saret Mercieca u kienet toqgħod f'tarf Triq Għerxija lejn in-naħa tal-Munxar. Kellha żewġ ulied tifel Ġanni u tifla Rita, imma fil-gwerra meta żewġha kien imsiefer u baqa' ma rritornax lura, Marija flimkien ma' wliedha nġabret ma zijitha Ursola Vella, xebba li fl-imgħoddi kienet ukoll għalliema fl-iskola tal-Gvern. Ursola, jew kif kienu jsibuha Sika ta' Kanġu, kellha dar fil-kantuniera ma' l-isqaq f'numru 99 Triq il-Kbira. Magħha kienet trabbiet mindu tarbija Kikka ta' Smula, illum Kikka Sciberras li toqgħod fi Triq Cocco Palmieri, u kienet din li għaddietilna din l-informazzjoni. Omm Kikka kienet Karmena li tiġi oħt Marija u nepputija ta' Sika.

Hemmhekk Marija riedet tgħix hi u tgħajjex lil uliedha; kulħadd jiftakarha li kienet il-ġurnata kollha taħdem il-bizzilla, imma mhux bizzilla ordinarja li kien jaf jaħdem kulħadd. Dejjem kellha bizzilla wiesgħa u fina, ħajt abjad sabiħ tal-għażel, donnha għall-qassisin jew għall-knisja. Kellha mħadda wiesgħa u ħafna ċombini. Id-disinni kienet tatihomlha Ġużeppa tax-Xelina, kienu jkunu disinni fini, Punti tal-Balla u moski ... mpittrin bl-aħdar ... hi biss kienet taf taħdimhom! Kien hawn min kien jaf jaħdem il-bizzilla imma ħadd bħalha għax-xogħol fin.

Lil Kikka Sika għallmithielha l-bizzilla, imma tiftakar li fit-triq kien ikun hemm ħafna nies kollha bil-qiegħda jaħdmu l-bizzilla wiċċhom mall-ħajt għall-frisk. Kien ikun hemm ta' Nikola, ta' Najra, tal-Karu, ta' Puta, ta' Minku eċċ eċċ, f'kelma waħda kulħadd għar-rink kien jaħdem. Naturalment min jaħdem xi disinn ħafif u min kapaċi għall-fin bħalma kienu wkoll ix-xebbiet l-aħwa ta' Gajdax u dawk tad-Dadis. Jaħdmu x'jaħdmu kulħadd ma' tax-Xelina kien jiddobba.

Mhux ta' b'xejn li meta ġiet il-Prinċipessa marret għandha u hi biex turi x-xogħol kif jinħadem stiednet għandha l-aqwa pampaluni li kien hawn ġo Ta' Sannat.
Marija mietet fl-1987 ta' 86 sena.

Hekk mal-medda taż-żmien waħda waħda bdew jintfew dawn l-istilel tal-bizzilla – u magħhom telqet ukoll ix-Xelina. Nista' ngħid li kelli xorti nilħaqhom ħajjin meta ġejt noqgħod Ta' Sannat fl-1972, u għalkemm nafhom fl-aħħar snin ta' ħajjithom għandi l-isbaħ memorji tagħhom. Kif għebet din is-sengħa mir-raħal, ... inbelgħet qalb il-progress! Baqa' biss *stress* ikkaġunat mill-għaġġla tal-ħajja.

**Referenzi**:
Joseph Bezzina, *SANNAT Fi Ġrajjet Għawdex*, p462-464
Consiglia Azzopardi, *Il-Bizzilla tal-Għejjer Maltin*, pin, p175, 203,

**Ħajr ta' l-informazzjoni verbali lil:**
Georgia Xuereb, Rożina Scicluna, Kikka Sciberras, Rita Sciberras, Frances Galea u Dadda Vella.